*"Dar Birzebbuga", Triq Santa Marija, Birzebbuga Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Motto : **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

*Minuti ta' seduta numru 1 tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, li saret fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2015 fis-5:30p.m.*

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Kunsilliera | Kevin Barun (K.B.) |
| | Joseph Cutajar (J.C.) |
| | Joseph Baldacchino (J.B.) |
| | Leanne Grech (L.G.) |
| | Josepha Busuttil (J.B.) |
| | Herman Reuben Schiavone (H.S.) |
| | Stanley Zammit (S.Z.) |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 4

---

**Agenda ghal-laqgha :**

1 Accettazzjoni tal-kariga ta' Sindku
2 Accettazzjoni tal-kariga ta' Vici-Sindku
3 Diskors tas-Sindku
4 Formazzjoni tal-Kunsill ghal-legislatura
5 Ghazla ta' gurnata u hin ghas-seduti tal-Kunsill
6 Affarijiet ohra

Is-Sur Kevin Barun flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**1/01** **Accettazzjoni tal-kariga ta' Sindku**

1/01/01 **Iċ-Chairman Joseph Cutajar** qara r-riferenza għall-artiklu 25 (1) ta' l-Att li skont dan l-artiklu is-sur Kevin Barun għandu jkun is-Sindku. Għalhekk talab lis-sur Barun jikkonferma l-aċċettazzjoni ta' din il-kariga.

1/01/02 **Il-Kunsillier Kevin Barun** qara u ffirma il-ġurament ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr. Ian Micallef, illi ssejjaħ għal din il-laqgħa u kien dikjarat Sindku ta' Birzebbuga.

1/01/03 **Is-Sindku Kevin Barun** ħa postu bħala s-Sindku tas-Seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Birzebbuga, u rringrazzja lill-membri kollha preżenti

**1/02** **Accettazzjoni tal-Kariga ta' Vici-Sindku**

01/02/01 Is-Sindku Kevin Barun qara r-riferenza għall-artiklu 25 (2) ta' l-Att liskont dan l-artiklu is-sur Joseph Cutajar għandu jkun il-Viċi Sindku. Għalhekk talbu jikkonferma l-aċċettazzjoni ta' din il-kariga.

01/02/02 **Il-Kunsillier Joseph Cutajar** qara u iffirma il-ġurament ta' Viċi-Sindku, fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja, Dr. Ian Micallef, illi ssejjaħ għal din il-laqgħa u kien dikjarat Vici- Sindku ta' Birzebbuga.

01/02/03 **Il-Viċi Sindku Joseph Cutajar** irringrazzja lill-membri kollha preżenti.

**01/03** **Diskors tas-Sindku**

01/03/01 "L-ewwelnett nibda billi nirringrazzja lir-residenti ta' Birżebbuġa li għoġobhom jagħtuni l-fiduċja tagħhom għat-tieni darba billi eleġġewni fil-Kunsill lokali, u din id-darba fil-kariga ta' Sindku. Bl-istess mod, nirringrazzja lir-residenti ukoll għan-nom tal-Kunsilliera sħabi għall-ħatra tagħhom fil-Kunsill. Nieħu din l-okkazjoni biex f'isem ir-residenti nirringrazzja lil dawk li kkontestaw l-elezzjoni u ma ġewx eletti għax huma ukoll kienu lesti li jagħtu l-kontribut tagħhom. Dawn ma telgħux mhux għax il-poplu ma ridhomx imma għaliex kellhom jiġu eletti seba' kunsilliera biss. F'din l-ewwel laqgħa ta' dan il-Kunsill irrid nirringrazzja lil erbgħa ex-kunsilliera li kienu magħna fl-aħħar leġislatura u din id-darba ma ġewx eletti jew ma kkontestawx. Qed nirreferi għas-Sur Carol Muscat u s-Sur Carmelo Cachia li servew fl-aħħar leġislatura. Lis-Sinjura Bernardette Pace li serviet fil-Kunsill mit-tieni leġislatura b'total ta' 17-il sena. Ma jistax jonqos li nirringrazzja bil-kbir lill-Ex Sindku Joseph Farrugia r-Ricky li ta' kontribut kbir fil-Kunsill Lokali għal aktar minn 21 sena dejjem fil-kariga ta' Sindku. Kien hu li tani formazzjoni soda fl-aħħar leġislatura u ta' dan nirringrazjah minn qalbi. Żgur li Birżebbuġa se timmisjak. Mill-esperjenza tiegħi magħhom konvint li dejjem ġabu l-interess tar-raħal tagħna fuq quddiem.

Bħal ma tafu, dan il-Kunsill ġie elett għal erbgħa snin u rridu nibdew mill-ewwel naħdmu fuq dak li għandna x'nagħmlu, sabiex nilħqu nwettqu x-xogħol li nixtiequ. Bħalma dejjem sar fil-kunsilli ta' qabel, kull kunsillier ser ikollu dekasteri partikolari sabiex jikkonċentra aktar fuq dawk is-setturi partikolari. Madankollu irridu nżommu f'moħħna li aħna parti minn Kunsill wieħed u għaldaqstant inġorru flimkien ir-responsabbilta' ta' dak kollu li nagħmlu b'mod kolleġġjali. Dan ifisser li kull wieħed minna jista' jipproponi affarijiet fuq kull suġġett li jrid u fl-istess ħin kull wieħed minna irid jerfa' r-responsabbilta' ta' kull materja li jkollna fl-aġenda tagħna.

Nemmen li dan il-Kunsill Lokali irid jaħdem fuq dawn l-aspetti prinċipali:
1. Komunikazzjoni
Ntejbu il-komunikazzjoni tagħna, mar-residenti permezz ta' komunikazzjoni aktar spissa, bħal social media u materja stampata aktar spissa. Għandhom isiru ukoll aktar laqgħat pubbliċi mmirati għal areas speċifiċi ta' Birżebbuġa.

Mal-Għaqdiet, billi naraw kif nerġgħu nagħtu l-ħajja lil Federazzjoni Għaqdiet Birżebbuġa u jkun hemm koordinazzjoni totali speċjalment fil-kalendarju tal-attivitajiet li jagħmlu
Mal-komunita' kummerċjali billi jitwaqqaf forum permanenti li permezz tiegħu, fuq bażi regolari l-Kunsill Lokali jikkonsulta' mar-rappreżentanti tal-komunita' kummerċjali.

2. Nibqgħu niddefendu l-ambjent tar-raħal. Nemmen li l-Kunsill Lokali għandu jibqa' viġilanti fejn għandu x'jaqsam l-ambjent. Dan sabiex niżguraw li dawk l-ażjendi li jeżistu fir-raħal tagħna kif ukoll fil-viċinanzi li jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-ambjent, jieħdu dawk il-miżuri kollha neċessarji sabiex l-impatt fuq l-ambjent ikun l-inqas wieħed possibbli għal ġid tas-saħħa tar-residenti kollha. Għandna wkoll nagħmlu kampanji edukattivi dwar is-separazzjoni tal-iskart fost oħrajn kif ukoll nikkunsidraw li nwaqfu l-gbir tal-borza s-sewda kull nhar ta' Tlieta.

3. Niżguraw li ssir il-manutenzjoni meħtieġa fuq dak kollhu li bnejna matul is-snin speċjalment kemm ilu mwaqqaf il-Kunsill Lokali. Għal dan il-għan il-Kunsill għandu jutilizza bl-aħjar mod possibbli l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill. Il-ħsieb tiegħi hu li l-ħaddiema assenjati ma jkunux jirrispondu lil xi kunsillier partikolari imma direttament lis-Segretarju Eżekuttiv. Irridu niftakru li aħna l-kunsilliera qegħdin fuq bażi voluntarja mall-Kunsill Lokali u għaldaqstant ma nistgħux inġorru r-responsabbilta' tas-sigħat li jaħdmu u x-xogħol li jwettqu dawn l-istess haddiema. F'dan ir-rigward, ix-xogħol tagħna l-kunsilliera huwa dak li nressqu l-proposti tagħna fis-seduti tal-Kunsill sabiex flimkien mas-segretarju eżekuttiv infasslu programm ta' ħidma skont il-prijoritajiet.

4. Li r-residenti jingħataw l-aħjar servizz possibbli. Il-Kunsill għandu jiżgura li s-servizzi li jagħti hu jkun qed jingħata bl-aħjar mod. Dawn jinkludu servizzi bħal ġbir tal-iskart, permessi varji, dixxiplina fit-traffiku, dawl pubbliku, librerija pubblika u oħrajn. Dan għandu jsir billi l-kuntratti jingħataw fuq bażi ta' min jista' jagħti l-aħjar servizz possibbli u li tali kuntratti jkollhom il-klawsoli neċessarji sabiex ikunu jistgħu meħuda dawk il-miżuri neċessarji meta servizz ma jkunx qed jingħata tajjeb. Għal dan il-għan għandu jsir assessment regolari tas-servizzi li jingħataw. Fejn għandhom x'jaqsmu servizzi li ma jingħatawx direttament mill-Kunsill imma minn xi entita' oħra, il-Kunsill għandu jkun aktar fuq in-naħa taċ-ċittadini billi dawk it-talbiet ġustifikati tar-residenti jagħmilhom bħala talbiet tiegħu u jsegwihom hu għan-nom tar-residenti. Għal dan il-għan, il-Kunsill għandu jiżgura li s-sistema tal-customer care tiegħu tkun qed issegwi dawn l-ilmenti u li r-residenti jkunu qed jingħataw ir-risposti li jistennew.

5. Li tidħol aktar dixxiplina fir-raħal. Ħafna drabi aħna l-kunsilliera nirċievu bosta lmenti minn residenti dwar nies oħra li bl-aġir tagħhom ikunu qegħdin jew joħolqu xi ingombru lil residenti oħra jew ikerrħu l-ambjent. Mill-banda l-oħra ssib residenti li jitolbuna biex jitħallew iwettqu minn dawn it-tip ta' attivitajiet. Issib saħansitra min filwaqt li hu jkun qed jilmenta għal ħaddieħor, hu stess ikun irid xi ħaġa oħra li wkoll toħloq inkonvenjent lin-nies. Drawwiet ħżiena diffiċli biex jinqatgħu. Biss naħseb li bil-mod trid tispiċċa' l-mentalita' li għal xi whud barra huwa parti mill-bitħa tad-dar tagħna u ghal ohrajn barra mhux tieghi mela naghmel li rrid. Irridu nżommu quddiem għajnejna li fil-Kunsill Lokali aħna qegħdin nirrappreżentaw lir-residenti kollha ta' Birżebbuġa, kemm lil dawk li vvutawlna, kemm lil dawk li vvutaw lil xi ħaddieħor u kif ukoll lil min għal xi raġuni jew oħra ma vvutax. Ma semmejtx kuluri ghax importanti li nahdmu minghajr distinzjoni

politika. Għaldaqstant, dak li għandu jigwidana huwa linteress komuni u mhux l-interess ta' xi sezzjoni biss mill-popolazzjoni tagħna. Jien konvint li jekk inżommu dan quddiem għajnejna, għandu jkollna erbgħa snin ta' ħidma tajba flimkien li minna jgawdu r-residenti tagħna u Birżebbuġa.

6.Nagħtu aktar ħajja l-promenade billi jsiru attivitajiet regolari fis-sajf f'xi spazji li identifikajt matul il-promenad. Nipproponi li ninvolvu aktar mużiċisti, artisti u Bands, bi preparazzjoni għas- Sena 2018 fl-okkazjoni tal-Valletta V18

7. Bil-qaghda finanzjarja li qegħdin fiha, għalkemm kollox taħt kontroll u qed titħallas Triq il-Bajja s-Sabiħa kif ppjanat, fil-leġislatura li ġejja ma jistgħux isiru proġetti kapitali ffinanzjati mill-Kunsill Lokali. Għalhekk naħdmu mal-Gvern biex proġetti li ma naffrodjawx ikunu jistgħu jitwettqu b'għajnuna mill-istess Gvern u fondi Ewropej. Fost dawn hemm Librerija Pubblika , Ċentru Ċiviku, Asfalt ta' toroq, San Patrizju, Tal-Ġebel u Tal-Papa li jinsabu fi stat ħazin ħafna. Nagħmlu wkoll studju u konsultazzjoni kif l-aħjar li jintużaw s-siti tal-gass fil-Qajjenza u tal-Fuel f'Birżebbuġa ladraba jiġu vakanti. L-istudji ngħadduhom lil-Gvern u nagħmlu pressjoni biex isiru bi ftehim mal-privat għall-ġid tal-lokal.

8. Edukazzjoni Zgħażagħ u sport. Bi ftehim mal-kap tal-iskola naraw li l-klassijiet ikunu użati anke filgħaxija u hekk anke jistgħu jinqdew dawk l-adulti w anzjani li jixtiequ jibqgħu jitgħallmu. Inkomplu napplikaw għall-fondi biex ikollna aktar sports bħal mhu qed isir wara l-ħin tal-iskola, aerobics u programmi oħrajn. Inkomplu naħdmu fuq il-proġett mibdi diġa biex fuq ir-ramel ikollna outdoor gym u skatepark fost oħrajn.
Bħal ma kellna suċċess fil-Kunsill Lokali taż-żgħażagħ fil-passat, niżguraw li dan jibqa' jsir, filwaqt li nindirizzaw il-problemi li jolqtu lill-istess zgħażagħ fosthom il-vizzji hżiena.

Fl-aħħarnett nindirizza lill-Aġent-segretarju eżekuttiv, lill-ħaddiema klerikali kif ukoll lil ħaddiema assenjati li huma l-għodda li permezz tagħhom il-Kunsill Lokali jista' jwettaq ix-xogħol meħtieġ. Jien konvint li flimkien ma' sħabi l-kunsilliera nistgħu naraw li l-ambjent tax-xogħol tagħkom ikun wieħed feliċi u li jagħtikom is-sodisfazzjon li jixraqlu kull ħaddiem. L-akbar sodisfazzjon għandu jkun dak li tħossukom li qed tikkontribwixxu sabiex flimkien intejbu l-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tagħna.

01/04 **<u>Formazzjoni tal-Kunsill Lokali ghal-legislatura</u>**

Jiena naħseb illi huwa essenzjali illi kull Kunsillier Elett jingħata delegi li l-aktar ikun kompetenti dwarhom. Għaldaqstant matul il-jiem li għaddew għarbilt sewwa s-sitwazzjoni u wasalt għal dawn il-konklużjonijiet dwar il-formazzjoni ta' din is-seba' Leġislatura:

**Kevin Barun - Sindku**
Naħseb illi jkun opportun illi jiena, fil-kwalita' ta' Sindku nkun reponsabbli mir-Relazzjonijiet Pubblici; Koordinatur Attivitajiet; L-ilmenti taċ-Ċittadini; Il-Politika Soċjali (Djalogu u Konsultazzjoni); Ict; Ħidma Internazzjonali (inkluż Ġemellaġġi, Eu Funding) u Sports
Inkun ukoll rappreżentant fir-Reġjun; Rappreżentant fil-Gal Xlokk;
Kumitat Finanzi (Chaiperson); Kumitat Kuntratti (Chairperson); Kumitat Progetti Infrastrutturali (Deputat Chairperson);

**Joseph Cutajar – Vici Sindku**
Ambjent, Landscaping, Widien, Protezzjoni civili, Trasport Pubbliku
Kumitat Progetti Infrastrutturali (Chairperson)

**Joseph Baldacchino - Kunsillier**
Anzjani, Saħħa u Sigurtà; Relazzjoni mal-Water Services, Byelaws
Kumitat Kuntratti (Deputat Chaiperson), Kumitat Finanzi (Deputat Chaiperson);

**Leanne Grech - Kunsillier**
Żgħażagħ, Edukazzjoni, Kultura, Gender Equality, Persuni b'Diżabilita', Turizmu, Wirt Storiku

**Josette Busuttil - Kunsillier**
Attivitajiet Socjali, Animal Welfare; Il-Qasam Soċjali (jikludu s-Servizzi Soċjali); Playing fields;

**Herman Reuben Schiavone - Kunsillier**
Freeport, Komunita Kummercjali, Tindif ta postijiet pubblici, Latrini,
Kumitat Kuntratti (Membru)

**Stanley Zammit - Kunsillier**
Għaqdiet, Ir-Ricerka u l-Izvilupp Sostennibbli; Enforcement u Ordni Pubblika; Dawl, Traffiku
Kumitat Proġetti Infrastrutturali (Membru);
Kumitat Finanzi (Membru)

Il-Kunsilliera prezenti irringrazzjaw lis-Sindku ghall-fiducja espressa fihom mis-Sindku b'mod individwali u accettaw id-delegi lilhom moghtija ghajr is-Sur Herman Reuben Schiavone li wera x-xewqa li ma jkunx il-kunsillier responsabbli mill-Freeport peress illi fl-opinjoni ma kienx il-persuna idoneja ghal rwol daqstant sensittiv.

**01/05** **<u>Ghazla ta' gurnata u hin ghas-seduti tal-Kunsill Lokali</u>**

01/05/01 Is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-Kunsilliera prezenti sabiex jidentifikaw gurnata u hin ghas-seduti tal-Kunsill Lokali hekk kif legalment mitlub. Wara diskussjoni qasira, gie stabbilit illi s-seduti tal-Kunsill Lokali kellhom jinzammu nhar ta' Tlieta fil-6:00p.m.

**01/06** **<u>Affarijiet ohra</u>**

06/01 *Irmiggi ghall-opri tal-bahar f'Birzebbuga*
Is-Sur Hermann Schiavone staqsa lill-Kunsill Lokali x'kienet il-pozizzjoni tal-Kunsill Lokali rigward irmiggi ghal opri tal-bahar li kienu qieghdin jigu proposti ghal-lokalita'
Wara li inghatat stampa tas-sitwazzjoni hekk kif mitlub mis-Sur Schiavone, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tintalab laqgha lil Transport Malta li permezz taghha l-Kunsill Lokali jigi aggornat b'eventwali zviluppi li seta' kien hemm. Ghal-laqgha kellhom jattendu s-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv li kellhom jirraportaw lura lill-Kunsill Lokali sabiex tkun tista tittiehed decizjoni rigward il-materja

**Aggornament**

Is-Seduta spiccat fit-6:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar il-Hamis 14 ta' Mejju 2015 fis-6:00p.m

**Kevin Barun**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**A/Segretarju Ezekuttiv**

Data: 14/5/2015